# SAETA

*Ta' V.M. PELLEGRINI*

Kristu samrani
għaddej
mill-ġilji tal-Lhudija,
għall-qronfol ta' Spanja.

Arah minn fejn hu ġej!

Ta' Spanja,
sema diefi jew imsaħħab,
art maħruqa
b'gandotti li minnhom l-ilma
jserrep qajla qajla.

Kristu samrani
għaddej
b'xuxtu maħruqa
b'ħaddejh imqabbża
u ħbub għajnejh bojod.

Arah 'il fejn hu sejjer!

---

# IL-ĠARB IGHALLEM? . .

*Ta PUBLIUS E. BORG*

Ja Bin Adam! Ja Bin Adam!
Kajjin! Kajjin!
Ma nbdiltx matul is-snin . .
Hâkem fost il-ħajnin.
Għalfejn tishar u tisħaq
Jekk inti agħama iżraq
U s-sew ma tridx taf bih?!
Xi swew ġrajjiet il-ġnus
Kemm it-tiġrib bi rfus!
Kemm xorb ta' mrar mill-kus
Xi swew? X'tgħallimt?
Jewwilla mhux sal-lum għajjur
Mibegħda f'qalbek tfur
Mad-dinja kif iddur!

5. 6. 68.



# RECENSJONIJIET

Wettinger, G. and Fsadni, M., O.P., **PETER CAXARO'S "CANTILENA": A POEM IN MEDIEVAL MALTESE.** — Lux Press, 1968. Pp. 54.

Għal żmien twil l-istudjużi tal-Lsien Malti kienu aktarx imxaqlbin lejn it-tiftix filoloġiku, jew il-ħruġ ta' grammatki u dizzjunarji. Bdiet tingħata xejra storika l-iktar wara t-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u l-ħruġ tat-*Tagħrif dwar il-Kitba Maltija* fl-1924 li għalih is-sur Nin Cremona kien kiteb *Kelmtejn ta' Qabel* b'eżempji ta' kitba Maltija wżata mis-Seklu Sbatax, fosthom il-versi ta' Ġ.F. Bonamico miktubin b'tifħir lill-Gran Mastru Cottoner dwar l-1672-75, versi li reġgħu dehru fl-1931 meta, fil-Għadd 7 ta' *Leħen il-Malti*, l-istess kittieb ħareġ ġabra ta' versi bikrija bil-Malti li kien irnexxielu jiġbor sa dik is-sena. Minn dak iż-żmien il-versi ta' Bonamico baqgħu l-eqdem li konna nafu bihom.

B'riħet dil-ħidma ta' kitba u tiftix mill-1924 'l hawn — kitba li tinsab imxerrda f'rivisti bħal *Il-Malti* u *Leħen il-Malti* jonkella f'ġurnali bħal *Il-Berqa*, l-iktar fis-snin ta' qabel l-aħħar Gwerra — konna wasalna biex imlejna ħafna mill-battâl li kien hemm fil-kwadru storiku ta' l-iżvilupp letterarju Malti mis-Seklu Sbatax 'il quddiem. Konna nafu wkoll li fi żmenijiet iżjed imbiegħda, jiġifieri fis-Seklu Tnax, għalkemm Malta kienet għaddiet taħt idejn in-Normanni u s-Slaten ta' Sqallija, baqgħet marbuta mal-kultura Għarbija, u kellha poeti li, kif isemmi Michele Amari, kitbu bil-Għarbi — kittieba li wara Amari kien semma A.A. Caruana fil-ktieb tiegħu *Frammento Critico della Storia Fenicio-Cartaginese . . . Musulmana e Normanna Aragonese delle Isole di Malta* (1899, pp. 439-441), u li aħna konna sejjaħna *L-Eqdem Poeti ta' Malta* fl-ewwel kapitlu ta' l-ewwel ktieb ta' Kitba u Kittieba tal-Malti (1964).

Dwar il-Malti fiż-Żmenijiet tan-Nofs sirna nafu mhux ħażin ukoll mis-sensiela ta' artikoli taħt l-isem *Liema Hu Lsien il-Maltin* li kien kiteb Ġużè Gatt, bil-psewdonimu "Malti", f'diversi ħarġiet ta' *Il-Berqa* (id-19 ta' Ottubru, 1951). Bosta mit-tagħrif interessanti li jagħti Gatt niltaqgħu miegħu wkoll issa fil-ktejjeb ta' Wettinger-Fsadni, imma ma jidherx li dawn kienu jafu bl-istudju ta' Gatt għax ma jsemmuh imkien. Barra li jikkonfermaw, u kultant minn manoskritti differenti, it-tagħrif mogħti minn Gatt, iż-żewġ kittieba żiedu bosta dettalji ġodda li jgħinuna biex inkunu nafu aħjar il-qagħda tal-Malti f'dawk iż-żmenijiet. Is-siltiet li jagħtu mill-Atti tan-Nutari jneħħu kull dubju li wkoll dak iż-żmien il-Malti kien meqjus sew bħala lingwa kif ukoll bħala lsien nazzjonali (e.g. *idiomate materno, lingua melitensi, lingua materna*).

Mela għal dak li hu sfond storiku tal-Lsien Malti fil-Medjo Evo iż-żewġ kittieba żiedu tagħrif interessanti ma' dak li konna diġà nafu. Iżda qabel dan l-istudju ta' Wettinger-Fsadni ma kellna l-ebda dokument letterarju li juri liema xorta ta' Malti kien jinkiteb u jintuża dak iż-żmien, jew jekk kienx hemm min jinqeda bih għal skopijiet letterarji. B'riħet is-sejba tal-*Cantilena* ta' Caxaro li ħarġu ż-żewġ studjużi ħbieb tagħna, għandna issa l-prova li konna ilna nixtiequ dwar dawn iż-żewġ punti. li għandna quddiemna tidher

Barra minn hekk, il-kompetenza tax-xogħol mir-reqqa ta' l-istudju li fih dwar l-awtur tal-*Cantilena*, il-post tal-Malti u l-ħajja kulturali fis-sekli 15 u 16, l-analisi tat-test tal-poeżija b'tifsir tal-kliem tagħha, biex ma nsemmux ukoll iż-żieda ta' dokument tal-Kunsill Popolari li fih jissemma Pietru Caxaro, l-alfabet li bih inqeda Brandan de